

- 2) *Esso Raffinage* u l-ECHA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.
- 3) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Franċiża u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

(¹) ĠU C 320, 28.9.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2018 – Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-205/16) (¹)

(“Fondi ta’ Koeżjoni — Infiq eskluż mill-finanzjament — Assistenza teknika għall-ġestjoni tal-Fond ta’ Koeżjoni fil-Litwanja — VAT — Artikolu 11(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 16/2003 — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja”)

(2018/C 231/24)

Lingwa tal-kawża: il-Litwanjan

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Litwanja (rappreżentanti: D. Kriauciūnas, R. Krasuckaitė u D. Stepanienė, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B.-R. Killmann u J. Jokubauskaitė.)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 969 final, tat-23 ta' Frar 2016, dwar it-tnaqqis tal-għajnuna fil-kuntest tal-Fondi ta' Koeżjoni favur il-proġett “Assistenza teknika għall-ġestjoni tal-Fondi ta' Koeżjoni fir-Repubblika tal-Litwanja”, sa fejn tipprevedi t-tnaqqis tal-għajnuna b'ammont ta' EUR 137 864,61, li jikkorrispondi għall-ispejjeż tal-VAT.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 969 final, tat-23 ta' Frar 2016, dwar it-tnaqqis tal-għajnuna fil-kuntest tal-Fondi ta' Koeżjoni favur il-proġett “Assistenza teknika għall-ġestjoni tal-Fondi ta' Koeżjoni fir-Repubblika tal-Litwanja”, hija annullata sa fejn tipprevedi t-tnaqqis tal-għajnuna b'ammont ta' EUR 137 864,61, li jikkorrispondi għall-ispejjeż tal-VAT.*
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatu l-ispejjeż tagħha u dawk tar-Repubblika tal-Litwanja.

(¹) ĠU C 251, 11.7.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Mejju 2018 – Troszczynski vs Il-Parlament

(Kawża T-626/16) (¹)

(“Leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż u l-allowances tal-membri tal-Parlament Ewropew — Allowance ta' assistenza parlamentari — Irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament — Kompetenza tas-segretarju ġenerali — Electa una via — Drittijiet tad-difiża — Oneru tal-prova — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet politiċi — Ugwaljanza fit-trattament — Użu ħażin ta' poter — Indipendenza tal-membri tal-Parlament Ewropew — Żball fattwali — Proporzjonalità”)

(2018/C 231/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Mylène Troszczynski (Noyon, Franza) (rappreżentanti: inizjalment minn M. Ceccaldi, sussegwentement minn F. Wagner, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: G. Corstens u S. Seyr, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-segretarju ġenerali tal-Parlament tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar l-irkupru mingħand ir-rikorrent ta' ammont ta' EUR 56 554 imħallsa indebitament bħala assistenza parlamentari u tan-nota ta' debitu marbuta magħha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Mylène Troszczynski għandha tbat i-kemm l-ispejjeż tagħha kif ukoll dak sostnuti mill-Parlament Ewropew, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ ĠU C 383, 17.10.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Mejju 2018 – Wirecard vs EUIPO (mycard2ġo)

(Kawża T-675/16) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali mycard2ġo — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1) (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Obbligu ta' motivazzjoni — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-ewwel sentenza tal-Artikolu 94 tar-Regolament 2017/1001)”)

(2018/C 231/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Wirecard AG (Aschheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Bayer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Hanf, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Lulju 2016 (Każ R 282/2016-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali mycard2ġo bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-21 ta' Lulju 2016 (Każ R 282/2016-4) hija annullata.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-EUIPO huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrenti, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti għall-finijiet tal-proċedimenti ta' appell quddiemu.

⁽¹⁾ ĠU C 410, 7.11.2016.